

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Tipi ta' professjonijiet legali

Tipi ta' professjonijiet legali

Svezja

Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tal-professjonijiet legali fl-Isvezja Prosekuturi Imħallfin Avukati Nutara Professjonijiet legali oħrajn

Professjonijiet legali — introduzzjoni

Prosekuturi

Organizzazzjoni

Is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika hu magħmul mill-**Awtorità tal-Prosekuzzjoni** (*Åklagarmyndigheten*) u mill-**Awtorità tar-Reati Ekonomiċi** (*Ekobrottsmyndigheten*). Iż-żewġ awtoritajiet jaqgħu taħt ir-responsabilità diretta tal-Gvern (il-Ministeru tal-Ġustizzja). L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni hija mmexxija mill-Prosekutur Ġenerali u l-Awtorità tar-Reati Kriminali minn Direttur Ġenerali. **Il-Prosekutur Ġenerali** (*Riksåklagare*) huwa l-ogħla prosekutur fil-pajjiż u huwa responsabbli mis-servizz tal-prosekuzzjoni li huwa jmxexxi wkoll.

Il-Prosekutur Ġenerali huwa responsabbli għall-iżvilupp legali, l-operat tal-**Qorti Suprema** u l-kompiti amministrattivi. **Il-Prosekuturi Anzjani** huma responsabbli għal oqsma partikolari tas-servizz tal-prosekuzzjoni. Il-prosekuturi pubbliċi jinħatru mill-Prosekutur Ġenerali, u l-organizzazzjoni tagħhom tinqasam f'distretti tal-prosekuzzjoni u magħmula minn **Prosekuturi Distrettwali**. Uħud mill-prosekuturi distrettwali huma speċjalizzati f'qasam partikolari. Hemm 32 uffiċċju distrettwali tal-prosekuzzjoni. Hemm ukoll tliet uffiċċji internazzjonali tal-prosekuzzjoni u erbgħa nazzjonali, li jitttrattaw tipi speċjali ta' każijiet. Kull uffiċċju distrettwali tal-prosekuzzjoni jitmexxa minn **Kap Prosekutur**.

Il-prosekuturi kollha fis-Servizz tal-Prosekuzzjoni jieħdu d-deċiżjonijiet b'indipendenza totali, jiġifieri prosekutur anzjan ma jistax jiddeċiedi dwar x'deċiżjonijiet jittieħdu minn prosekuturi subordinati tiegħu f'każ li jkun f'idejn dan il-prosekutur subordinat. Biex issir prosekutur irid ikollok iċ-ċittadinanza Svediża. Qabel ma tkun tista' tiġi aċċettat bħala prosekutur irid ikollok ukoll lawrja fil-liġi Svediża u lestejt perjodu ta' taħriġ legali prattiku, ħdimt għal sentejn bħala skrivan f'qorti distrettwali jew f'qorti amministrattiva. F'ċerti ċirkostanzi, it-taħriġ legali f'pajjiż Skandinavu ieħor jista' jittqies bħala ekwivalenti għal lawrja fil-liġi. Il-prosekuturi jibdeu bħala **prosekuturi apprendisti** għal disa' xhur, li waqthom ikollhom mentor li jiggwidahom f'xogħlhom. Wara dan, u qabel ma jinħatar Prosekutur Distrettwali, il-prosekutur jifharreg permezz ta' kors ta' sentejn, filwaqt li jagħmel ix-xogħol ta' prosekutur.

Hemm **tliet ċentri** għall-iżvilupp tal-prosekuzzjoni li jinsabu fi Stokkolma, f'Gothenburg u f'Malmö, li huma mmexxija minn Prosekutur Anzjan. Il-kompitu taċ-ċentri tal-iżvilupp huwa li jwettqu ħidma ta' metodoloġija u żvilupp legali fl-oqsma kriminali rispettivi tagħhom u jaġixxu ta' ċentri ta' għarfien fl-oqsma ta' responsabilità tagħhom. Iwettqu wkoll xogħol ta' approfondiment legali u superviżjoni; eżempju ta' dan huwa li l-appelli kollha kontra deċiżjonijiet tal-prosekutur jiġu trattati miċ-ċentri tal-iżvilupp.

Rwol u dmirijiet

Prosekutur għandu **tliet dmirijiet prinċipali**:

li jmxexxi l-investigazzjonijiet tar-reati;

li jiddeċiedi jekk għandux jittressaq att ta' akkuża;

li jidher fil-qorti.

Il-prosekutur imexxi l-investigazzjoni preliminari fir-rigward ta' reati li ma jkunux meqjusa minuri, fejn ikun hemm suspett raġjonevoli li r-reat twettaq minn persuna partikolari. Jekk ikun hemm raġunijiet speċjali, il-prosekutur jista' jmxexxi investigazzjoni f'każijiet oħrajn ukoll. Meta jmxexxi l-investigazzjoni preliminari, il-prosekutur ikun responsabbli li jiżgura li r-reat jiġi investigat bl-aħjar mod possibbli. Fir-rigward ta' reati inqas serji, l-investigazzjoni tkun kompletament f'idejn il-pulizija.

Meta l-investigazzjoni preliminari titmexxa minn prosekutur, huwa jew hija jkun/tkun assistit(a) mill-pulizija waqt l-investigazzjoni. Il-prosekutur jimmonitorja l-investigazzjoni b'mod kontinwu u jieħu deċiżjonijiet dwar il-miżuri u d-deċiżjonijiet investigattivi meħtieġa. Meta titlestha l-investigazzjoni preliminari, il-prosekutur jiddeċiedi jekk għandhomx jinfetħu proċedimenti legali. (Dan japplika wkoll fil-każ li l-pulizija tkun responsabbli għall-investigazzjoni preliminari.) Aspett ieħor importanti fix-xogħol tal-prosekutur huwa t-taħriġ tal-każijiet u d-dehra tiegħu fil-qorti. Permezz tad-deċiżjonijiet li jressaq att ta' akkuża u d-deskrizzjoni tar-reat li jagħti l-prosekutur, huwa jistabbilixxi l-qafas għall-proċedimenti kriminali fil-qorti. Ħafna mill-prosekuturi jqattgħu mill-inqas jum jew tnejn fil-ġimgħa fil-qorti.

Il-Prosekutur Ġenerali huwa l-uniku prosekutur li jista' jibda jew ikompli l-proċedimenti fil-Qorti Suprema. Madankollu, huwa jista' jaħtar assistent prosekutur fil-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jew jaħtar prosekutur pubbliku ieħor biex jirrappreżenta lill-Prosekutur Ġenerali fil-Qorti Suprema.

Il-bażijiet ta' dejta ġuridiċi

Iktar informazzjoni dwar il-prosekuturi hija aċċessibbli għall-pubbliku fil-[websajt tal-Awtorità tal-Prosekuzzjoni](#).





Imħallfin

Organizzazzjoni

L-imħallfin permanenti (*ordinarie domare*) jinħatru mill-Gvern fuq rakkomandazzjoni minn korp konsultattiv indipendenti tal-istat, il-Bord tal-Proposti tal-Imħallfin (*Domarnämnden*). Fil-prinċipju, imħallf ma jistax jitkeċċa ħlief fiċ-ċirkostanzi stipulati fid-dokument kostitutazzjonali magħruf bħala l-Istrument tal-Gvern (*regeringsformen*).

Biex issir imħallf irid ikollok ċittadinanza Svediża. Sabiex tkun tista' sservi bħala mħallf irid ikollok lawrja fil-liġi Svediża. F'ċerti ċirkostanzi, it-taħriġ legali f'pajjiż Skandinavu ieħor jista' jittqies bħala ekwivalenti għal lawrja fil-liġi. Ħafna mill-imħallfin permanenti jaħdmu bħala mħallfin fi qrati distrettwali jew amministrattivi, jew bħala mħallfin fi qrati tal-appell jew fi qrati amministrattivi tal-appell. Il-president tal-qorti tal-appell jew ta' qorti amministrattiva tal-appell jissejjaħ il-*president* u l-president ta' qorti distrettwali jew ta' qorti amministrattiva jissejjaħ il-*lagman*. L-Imħallfin tal-Qorti Suprema u tal-Qorti Amministrattiva Suprema jissejjaħ **mħallfin** (*justitieråd*).

Ħafna minn dawk li jinħatru mħallfin permanenti jkunu segwej il-perkors tradizzjonali fil-karriera tagħhom fejn ikunu għamlu sentejn bħala **skrivana f'qorti**

distrettwali  (329 Kb)  jew **f'qorti amministrattiva**  (281 Kb)  u wara jkunu applikaw biex isiru skrivana (*fiska*) f'qorti tal-appell jew f'qorti amministrattiva tal-appell. Wara li jkun għamel mill-inqas sena f'qorti bħal din, l-**imħallf apprendist** irid iservi ta' skrivan relatur f'qorti distrettwali jew f'qorti amministrattiva għal mill-inqas sentejn. Dan jiġi segwit b'mill-inqas sena servizz bħala aġent imħallf assoċjat f'qorti tal-appell jew f'qorti amministrattiva tal-

appell. Wara li jtemm b'suċċess il-kors u jgħaddi minnu, l-apprendist imħallef jinħatar imħallef tal-appell assoċjat f'qorti tal-appell jew f'qorti amministrattiva tal-appell. L-iskrivani relaturi u l-imħallfin assoċjati huma eżempji ta' **mħallfin mingħajr pożizzjoni permanenti** li jistgħu jidher fil-qorti. Il-qorti jgħaddu wkoll għadd ta' **avukati abbozzaturi** [PDF](#) (280 Kb) [SV](#) u **r-rapporteurs** [PDF](#) (281 Kb) [SV](#).

Il-qorti distrettwali, il-qorti tal-appell, il-qorti amministrattivi u l-qorti amministrattivi tal-appell kollha għandhom għadd ta' **mħallfin onorarji** (*nämndemän*). L-imħallfin onorarji jinħatru għal terminu ta' erba' snin minn

il-kunsill muniċipali fil-muniċipalitajiet fil-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qorti distrettwali;

il-kunsill tal-kontea fil-kontej fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti amministrattiva, tal-qorti amministrattiva tal-appell jew fil-qorti tal-appell.

Matul il-votazzjonijiet konnessi mad-deliberazzjonijiet tal-qorti, kull imħallef onorarju jkollu vot wieħed.

Il-bażijiet ta' dejta ġuridiċi

Għal aktar informazzjoni dwar l-imħallfin u l-imħallfin onorarji, ara [l-websajt tal-qorti Svediżi](#). Għal imħallfin partikolari ara l-websajt tal-[Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Svediżi](#).

Organizzazzjoni tal-professjoni legali: Avukati

Avukati

Skont il-liġi Svediża, il-membri tal-[Kamra tal-Avukati Svediża](#) (Sveriges Advokatsamfund) biss jistgħu jużaw it-titolu ta' **advokat**. Biex issir **membru tal-Assoċjazzjoni**, persuna trid:

tkun residenti fl-Isvezja jew f'pajjiż ieħor fl-UE jew fiż-ŻEE, jew fl-Isvezja;

tkun għaddiet mill-eżamijiet li jikkwalifikawha biex issir imħallef – fl-Isvezja l-lawrja LL.M.;

ikollha tliet snin esperjenza prattika ta' ħidma legali kwalifikata, u fiż-żmien tal-applikazzjoni għas-**sħubija** tkun tipprattika;

tkun temmet it-taħriġ tal-Kamra tal-Avukati u tkun għaddiet mill-eżami;

tkun persuna ta' karattru tajjeb u f'aspetti oħrajn adattata biex tipprattika ta' avukat.

Fil-każ ta' applikanti minn pajjiżi oħrajn tal-UE u taż-ŻEE jew mill-Isvezja li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-taħriġ biex isiru avukati fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, japplikaw regoli speċjali.

Id-deċiżjonijiet biex jiġu aċċettati membri ġodda jittieħdu mill-Bord tal-Kamra tal-Avukati.

Il-Kamra tal-Avukati Svediża twaqqfet b'inizjattiva privata fl-1887 u ngħatat status uffiċjali fl-1948 meta daħal fis-seħħ il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja attwali. Illum il-Kamra tal-Avukati għandha iktar minn 4 700 membru.

Il-Kamra tal-Avukati hija rregolata mill-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja u mill-karta tal-Kamra tal-Avukati stess, li hija soġġetta għall-approvazzjoni tal-Gvern.

Il-Kamra tal-Avukati, li hija rregolata b'liġi privata, għandha l-għanijiet li ġejjin:

li żżomm standards etiċi u professjonali għoljin fil-professjoni ġuridika;

li timmonitorja l-iżviluppi legali u tiżgura li l-għarfien espert tal-Kamra tal-Avukati jagħti l-frott f'dak il-kuntest;

li tħares l-interessi professjonali ġenerali tal-membri tagħha u tippromwovi l-kooperazzjoni u l-kunsens bejniethom.

Il-Kamra tal-Avukati għandha wkoll xi dmirijiet pubbliċi. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja jagħti lill-Kamra tal-Avukati kompiti amministrattivi, li permezz tagħhom tista' tiffunzjona bħala awtorità pubblika, prinċipalment fi kwistjonijiet dixiplinari.

L-għanijiet tal-governanza tal-Kamra tal-Avukati huma li tiżgura li l-membri tal-pubbliku li jfittxu konsulenza u pariri legali, jirċievu assistenza kwalifikata. Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja, il-membri għandhom id-dmir jobdu l-kodiċi tal-etika professjonali, u huma soġġetti għall-awtorità regolatorja u superviżorja tal-Kamra tal-Avukati u tal-Kanċillier tal-Ġustizzja. L-avukati huma taħt is-superviżjoni tal-Kumitat tad-Dixiplina tal-Kamra tal-Avukati. Jekk il-Kumitat tad-Dixiplina jqis li avukat ikun kiser il-Kodiċi tal-kondotta tal-Kamra tal-Avukati, il-Kumitat jista' jimponi sanzjoni dixiplinaria fuq il-membru konċernat.

Il-bażijiet ta' dejta ġuridiċi

Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-websajt [tal-Kamra tal-Avukati Svediża](#).

Konsulenza legali/konsulenti legali

Ma hemmx rekwiżit li l-**konsulent legali** fil-proċedimenti tal-qorti jkun avukat, iżda l-qorti trid tqis li l-konsulent legali jkun adattat. Fil-prinċipju, madankollu, l-avukati biss jinħatru bħala konsulenti difensuri pubbliċi.

Nutara

Organizzazzjoni

Barra min-**Nutar pubbliku** (ara hawn taħt), ma hemmx nutara speċjali fl-Isvezja.

Nutar pubbliku jinħatar mill-[Bord Amministrattiv tal-Kontea](#) (*länsstyrelsen*). Nutar pubbliku jrid ikun kwalifikat fil-liġi, ikun jaf il-lingwa Svediża u jkun adattat.

Rwol u dmirijiet

Il-bażijiet ta' dejta ġuridiċi

Ma hemmx direttorju u/jew websajt dwar din il-professjoni li huwa disponibbli għall-pubbliku.

Madankollu f'xi websajts tal-Bordijiet Amministrattivi tal-Kontea hemm iktar informazzjoni dwar in-nutara pubbliċi.

Il-funzjoni tan-nutar pubbliku hija li jassisti lill-pubbliku f'diversi kwistjonijiet, bħal:

il-verifika ta' firem, kopji, traduzzjonijiet u informazzjoni oħra li tirrigwarda l-kontenut ta' dokumenti;

jidher fil-qorti biex jixhed f'ċerti każijiet;

is-superviżjoni tat-tluġħ tal-lotteriji;

wara spezzjonijiet jew eżamijiet oħrajn, jippreżenta rapport dwar il-kummenti tiegħu;

jilqqa' dikjarazzjonijiet dwar ċirkostanzi ta' natura legali jew ekonomika u jwassa dawk id-dikjarazzjonijiet għand parti terza;

jikkonferma li awtorità jew persuna tkun awtorizzata biex tettaq ċerti miżuri;

jirrilaxxa ċertifikati skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 li Tneħħi l-Iħtieġa tal-Legalizzazzjoni għal Atti Pubbliċi Barranin (apostille).

Il-bażijiet ta' dejta ġuridiċi

Ma hemmx direttorju u/jew websajt dwar din il-professjoni li huwa disponibbli għall-pubbliku.

Madankollu f'xi websajts tal-Bordijiet Amministrattivi tal-Kontea hemm iktar informazzjoni dwar in-nutara pubbliċi.

Professjonijiet legali oħrajn

L-Awtorità tal-Eżekuzzjoni (*Kronofogdemyndigheten*) hija responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-irkupru ta' dejn u ta' obligazzjonijiet oħrajn. **Uffiċjali tal-eżekuzzjoni** (*kronofogde*) huwa impjegat tal-Awtorità u huwa responsabbli biex jiżgura li l-irkupru jsir b'mod legali. Huwa possibbli titħarġ bħala uffiċjal tal-eżekuzzjoni fl-Isvezja. Biex tiġi aċċettat għat-taħriġ trid tkun ċittadin Svediż, tkun ksibt lawrja fil-liġi jew kwalifika komparabbli u tkun skrivan kwalifikat tal-qorti (*notarie*). Huwa wkoll possibbli li minflok tkun skrivan tal-qorti tagħmel perjodu speċifiku ta' taħriġ fuq ix-xogħol jew proċedura ta' dispensa.

L-aħħar aġġornament: 09/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew

kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.